# ITTRAĦBAR

MAĦRUĠA
MILL-UFFIĊĊJU
TAS-SEGRETARJU
PERMANENTI
EWLIENI

Ittraħbar edizzjoni 22 - Settembru 2020

## KUMMENT
## **MIS-SUR MARIO CUTAJAR,**
## KAP TAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Il-Ġimgħa għas-Servizz Pubbliku ta' din is-sena se tiftaħ ftit sigħat oħra fejn bħala tema għażilna "Is-Servizz Pubbliku – Dejjem Miegħek".

B'dak kollu li ġara din is-sena, fejn kienet sena għalkollox straordinarja, qed nużaw dan is-slogan biex infakkru lil xulxin għal liema għan qed naħdmu – dak li jkollna Servizz Pubbliku fuq quddiem – għand in-nies – il-ħin kollu.

Il-viżjoni tagħna minn snin ilu kienet illi s-Servizz Pubbliku nressquh għand in-nies, fejn mhux biss inkunu qed nistennewhom fid-dipartimenti u fil-komunità permezz taċ-ċentri ta' servizz.gov, imma nkunu aċċessibbli 24 siegħa kuljum is-sena kollha mill-kumdità ta' djarhom. Fiċ-ċentru tas-Servizz Pubbliku dejjem għandu jkollna lill-klijent. Mhux il-klijent li jħabbel rasu kif aħna se naqduh, imma aħna li naraw xi jrid il-klijent jew x'qed jistenna mis-servizzi tagħna u nfasslu servizzi adegwati skont dawn il-ħtiġijiet.

Il-viżjoni tagħna hija li nibqgħu fuq quddiem f'dak li għandu x'jaqsam ma' teknoloġija, f'dak li għandu x'jaqsam ma' bilanċ bejn ħajja personali u xogħol, u fejn jidħlu karrieri. Dawn huma affarijiet illi jmorru flimkien. Il-Ġimgħa għas-Servizz Pubbliku se tgħarbel temi bħall-Intelliġenza Artifiċjali, ir-remote working u l-wellbeing. Kif nistgħu napplikaw l-intelliġenza artifiċjali f'xogħolna biex intejbu s-servizz li nagħtu? Xi sfidi jġib miegħu r-remote working? Irridu wkoll illi l-Ġimgħa għas-Servizz Pubbliku sservi ta' vetrina fuq dak kollu li nagħmlu. Għalhekk, għall-ewwel darba, se nkunu qed nifthu kull attività għal kulħadd permezz ta' Facebook Live fuq il-paġna tas-Servizz Pubbliku.

Fil-paġni li jmiss tistgħu taraw il-programm li ħejjejna għal din il-ġimgħa speċjali. Din is-sena, il-Ġimgħa għas-Servizz Pubbliku ma fihiex l-attivitajiet fil-portata tas-soltu minħabba s-sitwazzjoni tas-saħħa pubblika. Madankollu ħejjejna programm b'saħħtu, b'temi attwali. Se nkunu qed nippubblikaw żewġ kotba, wieħed dwar il-Ħidma tas-Servizz Pubbliku f'dawn l-aħħar 12-il xahar u ieħor bl-azzjonijiet tagħna fir-rigward tal-kummenti tal-Awditur Ġenerali. Se nerġgħu norganizzaw żewġ sessjonijiet għall-istakeholders dwar il-fondi tal-UE u dwar ix-Xiri Pubbliku. It-tnejn li huma jkomplu jsostnu r-rieda tajba tagħna lejn governanza u trasparenza f'dak kollu li nagħmlu.

Ejjew nibqgħu ffukati biex it-tema "Is-Servizz Pubbliku – Dejjem Miegħek" ngħixuha kuljum fil-prattika ma' kull klijent – sew intern u dak estern – bla eċċezzjoni.



# ĠIMGĦA GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU 2020

**18 – 25 ta' Settembru**

SERVIZZ PUBBLIKU
dejjem miegħek

UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

## Il-Ġimgħa 18 ta' Settembru

**12:00**

### Ħarsa lejn il-ħidma tas-Servizz Pubbliku

Is-Segretarju Permanenti Ewlieni jiftaħ il-Ġimgħa għas-Servizz Pubbliku u jniedi l-pubblikazzjoni "Il-Ħidma tas-Servizz Pubbliku". Wara se ssir preżentazzjoni dwar studju akkademiku li jittratta t-tiġdid tas-Servizz Pubbliku.

**21:00**

### Kunċert

Il-PBS se jxandar kunċert mill-Orkestra Nazzjonali ta' Malta minn Ħaġar Qim.

## It-Tnejn 21 ta' Settembru

**10:00 – 18:00**

### Heritage Malta tiftaħ il-mużewijiet kollha b'xejn fil-Belt Valletta

Għall-ewwel darba se tkun għall-wiri, fil-Mużew tal-Arkeoloġija, l-ittra li Napuljun kiteb lill-ġenerali tiegħu fejn ordna l-invażjoni ta' Malta. Tibqa' għall-wiri matul il-ġimgħa kollha.

## It-Tlieta 22 ta' Settembru

**09:15**

### Seminar dwar L-Intelliġenza Artifiċjali

Is-Segretarju Permanenti Ewlieni jindirizza seminar dwar il-prospetti tal-intelliġenza artifiċjali fil-ħidma tas-Servizz Pubbliku.

**17:30**

### Laqgħa mal-klijenti dwar il-Fondi tal-Unjoni Ewropea

## L-Erbgħa 23 ta' Settembru

**10:30**

### Bilanċi Ġodda

Is-Segretarju Permanenti Ewlieni jindirizza seminar dwar bilanċi ġodda bejn il-ħajja u x-xogħol fis-Servizz Pubbliku.

**17:30**

### Laqgħa mal-klijenti dwar ix-Xiri Pubbliku

## Il-Ħamis 24 ta' Settembru

**12:30**

### Ħarsa lejn il-ħidma tal-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi u ftuħ ta' librerija ġdida

Tiġi inawgurata librerija ġdida fl-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi u jsiru diskorsi għall-okkażjoni tal-gradwazzjoni mis-Segretarju Permanenti Ewlieni, il-Prinċipal tal-MCAST u r-Rettur tal-Università ta' Malta. Wara l-media tiddawwar mal-post.

**18:30**

### Ċerimonja Għoti ta' Awards

Serata preseduta mill-President ta' Malta George Vella li matulha se jingħataw awards lil min spikka b'ħidmitu matul din is-sena.

## Il-Ġimgħa 25 ta' Settembru

**11:00**

### Pubblikazzjoni Governance Action

Is-Segretarju Permanenti Ewlieni jniedi pubblikazzjoni bit-tweġiba tal-Amministrazzjoni Pubblika għar-rapporti tal-Awditur Ġenerali.

**21:00**

### Kunċert

Il-PBS se jxandar kunċert mill-Orkestra Nazzjonali ta' Malta mill-Forti Sant'Iermu bit-tema "Rebbieħa".

**L-attivitajiet kollha se jixxandru LIVE fuq il-paġna Facebook tas-Servizz Pubbliku**
**www.facebook.com/servizzpubbliku**

**Matul il-ġimgħa kollha, qabel l-aħbarijiet tat-8pm, il-PBS se juri kuljum filmat ta' madwar 3 minuti li jagħti ħarsa lejn il-ħidma tas-Servizz Pubbliku f'dawn l-aħħar seba' snin.**

**Il-programm jinkludi wkoll żjara fi skola mis-Segretarju Permanenti Ewlieni kif ukoll diversi żjarat oħra f'postijiet tax-xogħol.**

LIVE

publicservice.gov.mt

# TISSAĦĦAĦ SĦUBIJA STRATEĠIKA GĦAL SERVIZZ.GOV

IS-SĦUBIJA STRATEĠIKA BEJN SERVIZZ.GOV U CENTRECOM BIEX JIĠU PPROVDUTI SERVIZZI GOVERNATTIVI SSAĦĦET BI FTEHIM ĠDID GĦALL-ĦAMES SNIN LI ĠEJJIN.

**DAN WASSAL BIEX**

- jiżdiedu s-servizzi li se jkun qed iwassal servizz.gov lill-klijenti
- titjieb sew il-kwalità tas-servizz provdut
- servizz.gov ingħata strutturi ġodda biex jissaħħaħ maniġerjalment
- servizz.gov se jkun qed jikkordina wkoll l-inizjattivi ta' investiment fit-teknoloġija mas-Servizz Pubbliku kollu

**IS-SERVIZZ PUBBLIKU SE JKOMPLI JIMXI MAŻ-ŻMIEN U JAĠĠORNA RUĦU SKONT IL-ĦTIĠIJIET TAS-SUQ.**

- Il-ħinijiet tal-ftuħ jirriflettu l-kumdità tal-klijenti
- Se jiġu ristrutturati hubs li minnhom ikun jista' jsir remote working
- Fejn il-klijenti ma jkunux jistgħu jinqdew minn servizz.gov dak il-ħin, servizz.gov stess jerġa' lura għand il-klijent fi żmien stipulat bis-soluzzjoni meħtieġa
- Se tissaħħaħ il-preżenza tas-Servizz Pubbliku fuq il-midja soċjali



DAN KOLLU JISTA' JSIR GĦAX HEMM VIŻJONI, GĦAX IL-MESSAĠĠ LI S-SERVIZZ PUBBLIKU QIEGĦED GĦAN-NIES U MHUX BIL-KONTRA QED NARAW LI JASAL, U GĦAX HEMM KONSOLIDAMENT SPISS TA' DAK MIKSUB ĦALLI NKOMPLU NIBNU FUQ IS-SUĊĊESSI U MHUX NIKKUNTENTAW BIHOM U NIEQFU HEMM.

**IS-SUR MASSIMO VELLA**
nħatar bħala CEO ta' servizz.gov

# SERVIZZI MOGĦTIJA MIS-SERVIZZ PUBBLIKU

Is-Servizz Pubbliku joffri lill-klijenti tiegħu **2,000 servizz** li f'sena jfissru kważi **13-il miljun interazzjoni**.

Fost il-Ministeri li joffru l-aktar servizzi hemm il-Ministeru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji **b'223 servizz**,

il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol **b'215-il servizz**

u l-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali **b'170**.

Fost l-aktar ministeri li għandhom tranżazzjonijiet f'sena hemm il-Ministeru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji bi kważi **3.5 miljun tranżazzjoni** f'sena,

il-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi bi kważi **3.4 miljun tranżazzjoni** f'sena,

u l-Ministeru għas-Saħħa b'aktar minn **1.6 miljun tranżazzjoni**.

**Is-Servizz Pubbliku se jkompli jaħdem għal aktar diġitalizzazzjoni tas-Servizzi Governattivi b'aċċenn fuq servizzi li tista' torbot fuqhom b'metodi sostenibbli.**

# TEKNOLOĠIJA DIĠITALI – **INKOMPLU NIBBRILLAW**

## Malta kisbet il-5 post fl-indiċi tal-Ekonomija u Soċjetà Diġitali (DESI) għall-2020 b'punteġġ ta' 62.7. Dan ifisser żieda sostanzjali minn 53.3 fl-2018 għal 55.3 fl-2019.

Il-medja tal-pajjiżi Ewropej hija ta' 52.6. Malta qabżet il-medja b'10.1 punti.

Dan l-indiċi jinħadem b'5 indikaturi li huma: Konnettività, Kapital Uman, Użu tas-Servizz tal-Internet, Integrazzjoni tat-Teknoloġija Diġitali u Servizzi Pubbliċi Diġitali.

| | MALTA | | UE |
|---|---|---|---|
| | KLASSIFIKAZZJONI | PUNTEĠĠ | PUNTEĠĠ |
| **DESI 2020** | **5** | **62.7** | **52.6** |
| DESI 2019 | 8 | 55.3 | 49.4 |
| DESI 2018 | 7 | 53.3 | 46.5 |

**Klassifikazzjoni tal-2020**
tal-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI)




Fis-Servizzi Pubbliċi Diġitali, Malta tinsab fl-1 post fl-użu mill-ġdid tal-informazzjoni amministrattiva (Pre-filled forms) u fit-tlestija tas-servizzi online.

Fir-rigward tal-indikaturi tad-DESI li huma relevanti għall-irkupru ekonomiku wara l-imxija tal-coronavirus, Malta hija avvanzata ħafna għall-kopertura ta' Networks ta' Kapaċità Għolja Ħafna (VHCN), ħiliet diġitali, diġitalizzazzjoni tan-negozji u l-offerta ta' servizzi pubbliċi diġitali. Is-Servizz Pubbliku se jkompli jibni fuq l-investiment bla preċedent ta' 150 miljun ewro ħalli nsostnu u ntejbu dawn ir-riżultati.

# SDG INDEX & DASHBOARDS REPORT 2020

Il-ħidma li qiegħda ssir bħala alinjament bejn il-miżuri tal-Gvern u l-miri ta' żvilupp sostenibbli qiegħda tagħti l-frott. Fl-aħħar klassifika maħruġa minn Bertelsmann Stiftung u min-Network ta' Soluzzjonijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, Malta tikklassifika fit-32 post minn fost 166 pajjiż. Malta ġabet total ta' 76 punt minn 100.

Din il-marka tikkonferma l-impenn kontinwu tal-gvern sabiex sal-2030 jinkisbu l-għanijiet u l-miri stabbiliti min-Nazzjonijiet Uniti.

Malta żammet ir-riżultati tajbin tagħha fir-rigward ta' SDG 1 (L-Ebda Faqar), SDG 4 (Edukazzjoni ta' Kwalità), SDG 7 (Enerġija Affordabbli u Nadifa) u SDG 8 (Xogħol Diċenti u Tkabbir fl-Ekonomija). Sadanittant jidher li hemm sinjali ta' titjib bil-mod fil-każ tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli l-oħra kollha, ħlief għal SDG 10, 12 u 13.

## TRENDS

1 NO POVERTY

2 ZERO HUNGER

3 GOOD HEALTH & WELL-BEING

4 QUALITY EDUCATION

5 GENDER EQUALITY

6 CLEAN WATER & SANITATION

7 AFFORDABLE & CLEAN ENERGY

8 DECENT WORK & ECONOMIC

9 INDUSTRY, INNOVATION & INFRASTRUCTURE

10 REDUCE INEQUALITIES

11 SUSTAINABLE CITIES & COMMUNITIES

12 RESPONSIBLE CONSUMPTION & PRODUCTION

13 CLIMATE ACTION

14 LIFE BELOW WATER

15 LIFE ON LAND

16 PEACE, JUSTICE & STRONG INSTITUTIONS

17 PARTNERSHIPS FOR THE GOAL

On track or maintaining SDG · Moderately Improving · Stagnating · Trend info unavailable · Decreasing

Għal aktar informazzjoni dwar il-profil ta' Malta **agħfas hawn**

# BAĠIT EWROPEW – X'ĠABET MALTA

Il-baġit ikopri s-snin 2021 sal-2027.

Il-pakkett negozjat għal Malta jammonta għal **€2.25 biljun**.

Dan jinkludi **€1.92 biljun mill-baġit normali** u **€327 miljun mill-għotja ta' rkupru**.

Dawn il-flus inkisbu minkejja t-tluq tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, li jfisser €75 biljun inqas għall-UE f'7 snin.

# NISA FIT-TMEXXIJA TAS-SERVIZZ PUBBLIKU MINN TA' QUDDIEM FID-DINJA KOLLHA

# 46%

**tal-ogħla karigi tas-Servizz Pubbliku huma okkupati min-nisa.**

F'7 snin, **il-figura rdoppjat** minn 21% għal 46%.

Filwaqt illi fl-2012 kien hawn 96 mara fit-tmexxija tas-Servizz Pubbliku, illum għandna **188 mara** fosthom **4 Segretarji Permanenti**, **18-il Direttur Ġenerali**, **66 Direttur** u **100 Assistent Direttur**.

Skont il-Women Leaders Index, il-medja fil-G20 ta' nisa fit-tmexxija hija ta' kważi 28%.

Malta tikseb l-istess punteġġ bħall-Ingilterra (46%), iżda taqbeż pajjiżi oħra bħall-Italja (36%), l-Istati Uniti (34%), Franza (33%) u l-Ġermanja (28%).

**Dan huwa riżultat brillanti fejn is-Servizz Pubbliku qed joħroġ dejjem aktar bħala model employer u ta' eżempju għal setturi oħra.**

# Women in the senior civil service, G20 nations, 2019-2020




**Wieħed mill-iktar fatturi li qed jinkoraġġixxu lill-uffiċjali pubbliċi nisa biex ikomplu javvanzaw fil-karriera tagħhom u jilħqu l-ogħla skali tas-Servizz Pubbliku huwa l-miżuri għal bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-familja. Dawn il-miżuri jistgħu jibbenefikaw minnhom kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel, iżda l-istatistika turi li l-aktar li jagħmlu użu minnhom huma n-nisa.**

Miżuri oħra li jikkumplimentaw lil dawk għal bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-familja huma dawk meqjusa bħala leave speċjali, li wkoll huma ta' inkoraġġiment għall-mara biex tipprogressa fil-karriera tagħha fis-Servizz Pubbliku u tkun megħjuna tilħaq bilanċ sodisfaċenti bejn ix-xogħol u l-familja. Hemm ukoll fatturi oħra bħas-servizz ta' childcare b'xejn u l-career paths li nħolqu fis-Servizz Pubbliku.

Dawn il-figuri jixhdu illi s-Servizz Pubbliku ma jagħmel l-ebda distinzjoni bejn is-sessi. Jixhdu wkoll il-ħidma kontinwa tal-amministrazzjoni preżenti favur opportunitajiet indaqs għal kulħadd.

**L-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi, minbarra l-portafoll ta' korsijiet għall-uffiċjali pubbliċi, jagħti wkoll sponsorships u boroż ta' studju.**

F'dawn l-aħħar tliet snin ingħataw bi kważi **€960,000** fi sponsorships għal **306** uffiċjali pubbliċi, filwaqt li ngħataw bi kważi **€1,850,000** f'boroż ta' studju għal madwar **350** uffiċjal.



ISTITUT GĦAS-SERVIZZI PUBBLIĊI